Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2496

16.11.2023

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2496

tal-15 ta' Novembru 2023

li jemenda d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti għall-kuntratti ta' provvista, ta' servizz u ta' xogħlijiet u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(4), it-tieni subparagrafu tagħha,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/115/UE ([2]), il-Kunsill approva l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern ([3]) konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Il-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern emendat ("il-Ftehim") huwa strument plurilaterali u għandu l-għan li jiftaħ is-swieq tal-akkwist pubbliku b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu. Il-Ftehim japplika għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist pubbliku b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti ("il-limiti") stipulati fih u espressi bħala drittijiet speċjali ta' prelevament.

(2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2014/25/UE huwa li l-entitajiet kontraenti li japplikaw dik id-Direttiva jkunu jistgħu, fl-istess waqt, jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. Sabiex ikun żgurat li l-limiti għall-kuntratti ta' provvista, ta' servizz u ta' xogħlijiet, u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn stipulati fl-Artikolu 15, il-punti (a) u (b) tad-Direttiva 2014/25/UE jikkorrispondu għal-limiti stabbiliti fil-Ftehim, jeħtieġ li l-limiti stipulati f'dik id-Direttiva jiġu riveduti.

(3) L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2014/25/UE jeħtieġ li kull sentejn il-limiti jiġu riveduti mill-Kummissjoni b'effett mill-1 ta' Jannar. Għalhekk, jenħtieġ li l-limiti għas-snin 2024–2025 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.

(4) B'konsegwenza, il-kalkolu tal-limiti ma jistax jibda qabel l-1 ta' Settembru minħabba d-disponibbiltà tad-*data*. Skont l-Artikolu 17(3) ta' dik id-Direttiva, il-limiti riveduti f'euro u l-valuri korrispondenti tagħhom fil-muniti nazzjonali l-oħra tal-Istati Membri tal-UE jridu jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-bidu ta' Novembru. Fid-dawl ta' dan kollu, u sabiex tintlaħaq l-iskadenza msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2014/25/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt (a), "EUR 431 000" huwa sostitwit b'"EUR 443 000";

(2) fil-punt (b), "EUR 5 382 000" huwa sostitwit b'"EUR 5 538 000".

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/115/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, (ĠU L 68, 7.3.2014, p. 1).
([3]) ĠU L 68, 7.3.2014, p. 2.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN